SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

4 ta' Ġunju 2020*

"Appell – Servizz pubbliku – Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) – Membru tal-persunal temporanju – Fastidju psikoloġiku –Talba għal assistenza – Ċaħda tat-talba – Rikors għal annullament u għad-danni – Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal smigħ – Artikolu 266 TFUE – Eżekuzzjoni tas-sentenza ta' annullament"

Fil-Kawża C-187/19 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fit-22 ta' Frar 2019

Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), irrappreżentat minn S. Marquardt u R. Spac, bħala aġenti,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Stéphane De Loecker, ex membru tal-persunal temporanju tas-SEAE, residenti fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentat minn J.-N. Louis, avocat,

rikorrent fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn P. G. Xuereb, President tal-Awla, T. von Danwitz u A. Kumin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Diċembru 2018, De Loecker vs SEAE (T-537/17, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2018:951), li permezz tagħha din, minn naħa, annullat id-deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2016 li tiċħad it-talba għal assistenza ta' Stéphane De Loecker imressqa abbażi tal-Artikolu 12a u tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") u, min-naħa l-oħra, ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn dan tal-aħħar sa fejn kien intiż għal kumpens għad-dannu allegatament sostnut minnu.

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-kawża (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal", applikabbli b'analoġija għall-membri tal-persunal temporanji abbażi tal-Artikolu 11 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Kondizzjonijiet tal-impjieg", jipprovdi:

"1. L-Uffiċjali għandhom joqogħdu lura minn kull forma ta' turment psikoloġiku jew sesswali.

[…]

3. 'Turment psikoloġiku'; ifisser kull imġiba mhux xierqa li ssir tul perjodu, hija ripetittiva jew sitematika u tinvolvi atteġġament fisku, lingwa mlissna jew miktuba, azzjonijiet jew atti oħra li huma intenzjonali u li jistgħu jbaxxu l-personalità, dinjità, jew integrità fisika jew psikoloġika ta' xi persuna.

[…]"

3 L-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, applikabbli b'analoġija għall-membri tal-persunal termporanju abbażi tal-Artikolu 11 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, jipprovdi:

"L-Unjoni għandha tassisti kull uffiċjal, partikolarment fi proċeduri kontra kull persuna li tagħmel theddid, atti jew kliem ta' insult jew defamatorji, jew kull attakk fuq persuna jew proprjeta' li għalihom huwa jew membru mill-familja tiegħu huwa suġġett minħabba l-posizzjoni jew id-dmirijiet tiegħu.

Huma għandhom jikkumpensaw in solidum l-uffiċjal għall-ħsara li sofra fit-tali każijiet, sakemm l-uffiċjal ma kkawżax il-ħsara intenzjonalment jew b'negliġenza gravi u ma kienx kapaċi jikseb kumpens mill-persuna li kkważata."

4 Skont l-Artikolu 90 tal-imsemmija Regolamenti tal-Persunal:

"1. Kull persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolament tal-Persunal tista' tibgħat talba lill-awtorità tal-ħatra biex tieħu deċiżjoni dwaru. L-awtorità għandha tavża l-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni rraġunata tagħha fi żmien erbgħa xhur mid-data ta' meta ssir it-talba. Jekk fl-aħħar ta' dak il-perjodu, ma tasal l-ebda tweġiba għat-talba, din titqies li tikkostitwixxi deċiżjoni taċita li ma kenitx aċċettata, li kontriha ilment jista' jsir skond il-paragrafu li ġej.

2. Kull persuna li japplikaw għaliha dawn ir-Regolamenti tal-Persunal tista' tibgħat ilment lill-awtorità tal-ħatra kontra att li taffettwah ħażin, kemm jekk l-imsemmi awtorità ħadet deċiżjoni, jew fejn naqset li tadotta miżura preskritta mir-Regolamenti tal-Persunal. L-ilment irid isir fi żmien tliet xhur […]

[…]

L-awtorità għandha tavża l-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni rraġunata tagħha fi żmien erbgħa xhur mid-data ta' meta jsir l-ilment. Jekk fl-aħħar ta' dak il-perjodu ma tasal l-ebda tweġiba għall-ilment, din titqies li tikkostitwixxi deċiżjoni taċita li ma taċċettahiex, li kontriha jista' jsir appell taħt l-Artikolu 91."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

5 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 5 sa 39 tas-sentenza appellata u jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej.

6 S. De Loecker ġie rreklutat mis-SEAE fil-qafas ta' kuntratt ta' erba' snin bħala membru tal-persunal temporanju, sabiex jokkupa, mill-1 ta' Jannar 2011, il-kariga ta' kap tad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'Bujumbura (Burundi) (iktar 'il quddiem id-"delegazzjoni"), bħala aġent ikkollokat tas-servizzi diplomatiċi Belġjani.

7 Mill-10 ta' Ġunju sal-14 ta' Ġunju 2013, id-delegazzjoni kienet suġġetta għal spezzjoni minn missjoni komuni tas-servizz ta' sostenn u ta' evalwazzjoni tad-delegazzjonijiet tas-SEAE u tad-Direzzjoni Ġenerali (DG) "Żvilupp u Kooperazzjoni – EuropeAid" tal-Kummissjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"missjoni ta' evalwazzjoni"). L-abbozz tar-rapport tal-missjoni ta' evalwazzjoni kien juri nuqqasijiet gravi fil-ġestjoni tad-delegazzjoni minn S. De Loecker, kemm fil-livell tad-direzzjoni kif ukoll f'dak tal-organizzazzjoni u tal-ġestjoni tal-kunflitti bejn il-membri tal-persunal. Mal-imsemmi abbozz kienu inklużi sbatax-il rakkomandazzjoni, fosthom is-sejħa ta' dan tal-aħħar lura lejn is-sede tas-SEAE għal konsultazzjoni.

8 Bejn il-21 ta' Ġunju u nofs Awwissu 2013, id-Direttur Ġenerali Amministrattiv tas-SEAE kellu diversi kuntatti telefoniċi mal-President tal-Kumitat tad-Direzzjoni tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Belġjan rigward is-sitwazzjoni ta' S. De Loecker.

9 Fl-24 ta' Ġunju 2013, id-Direttur Ġenerali Amministrattiv ċempel lil S. De Loecker biex jinformah li kien imsejjaħ lura b'urġenza fis-sede tas-SEAE fi Brussell (il-Belġju).

10 Matul laqgħa li nżammet fis-27 ta' Ġunju 2013, id-Direttur Ġenerali Amministrattiv għadda lil S. De Loecker estratt mill-abbozz tar-rapport tal-missjoni ta' evalwazzjoni li kien jinkludi l-konklużjonijiet prinċipali li jikkonċernawh.

11 Fl-4 ta' Lulju 2013, fi Brussell, inżammet laqgħa, ippreseduta mid-Direttur Eżekuttiv tad-dipartiment "Afrika" tas-SEAE, li pparteċipaw għaliha diversi membri tal-ġerarkija tas-SEAE u S. De Loecker sabiex jiġi diskuss l-abbozz tar-rapport tal-missjoni ta' evalwazzjoni. Matul din il-laqgħa, ingħata terminu ta' ħamest ijiem ta' xogħol lil dan tal-aħħar sabiex jifformula l-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu. Barra minn hekk, S. De Loecker isostni li, fil-bidu tal-laqgħa, ġie informat mill-President tal-laqgħa li "id-deċiżjoni prinċipali li jissejjaħ lura fis-sede kienet diġà ttieħdet".

12 Fis-7 ta' Lulju 2013, S. De Loecker bagħat il-kummenti tiegħu dwar l-abbozz tar-rapport tal-missjoni ta' evalwazzjoni.

13 Permezz ta' deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (iktar 'il quddiem ir-"Rappreżentant Għoli"), fil-kwalità tiegħu ta' Awtorità tal-Ħatra li tikkonkludi kuntratti ta' impjieg, tal-15 ta' Lulju 2013, S. De Loecker ġie ttrasferit fl-interess tas-servizz, b'effett immedjat, għas-sede tas-SEAE fi Brussell sabiex jokkupa l-kariga ta' direttur tar-riżorsi umani tad-DĠ tal-Amministrazzjoni u tal-Finanzi tas-SEAE. L-aħħar premessa ta' din id-deċiżjoni tindika li din ġiet adottata fid-dawl tal-konstatazzjonijiet magħmula wara diversi

missjonijiet fid-delegazzjoni li seħħew bejn l-2012 u l-2013, fosthom il-missjoni ta' evalwazzjoni, li kienu wrew nuqqasijiet serji fl-amministrazzjoni tad-delegazzjoni, bir-riskju, fost konsegwenzi oħra, li tiġi affettwata b'mod negattiv l-implementazzjoni tal-politika ta' kooperazzjoni u ta' żvilupp tal-Unjoni.

14 Fit-23 ta' Awwissu 2013, S. De Loecker ippreżenta rikors għal miżuri provviżorji u rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni. Dawn ir-rikorsi ġew irreġistrati rispettivament taħt in-numri F-78/13 R u F-78/13. Permezz ta' digriet tat-12 ta' Settembru 2013, De Loecker vs SEAE (F-78/13 R, EU:F:2013:134), il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji. Permezz ta' sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, De Loecker vs SEAE (F-78/13, EU:F:2014:246), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħda ir-rikors għal annullament.

15 Permezz ta' ittra tad-9 ta' Diċembru 2013, S. De Loecker, abbażi tal-Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, bagħat lir-Rappreżentant Għoli dokument intitolat "Lment", fejn sostna fastidju psikoloġiku min-naħa tad-Direttur Ġenerali Amministrattiv u talab li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva (iktar 'il quddiem it-"talba għal assistenza").

16 Permezz ta' ittra tal-20 ta' Diċembru 2013, ir-Rappreżentant Għoli avża li kien irċieva t-talba għal assistenza u informa lil S. De Loecker li kien bagħatha lid-DĠ "Riżorsi Umani u Sigurtà" tal-Kummissjoni, sabiex din tiġi pproċessatha minnu b'kooperazzjoni mas-servizzi tas-SEAE "fit-terminu regolatorju applikabbli".

17 Fl-istess ġurnata, ir-Rappreżentant Għoli, fil-kwalità tiegħu ta' awtorità tal-ħatra, informa lil S. De Loecker bid-deċiżjoni tiegħu li jtemm il-kuntratt tiegħu ta' membru tal-persunal temporanju b'effett mill-31 ta' Marzu 2014. Dan tal-aħħar ippreżenta rikors għal annullament fit-28 ta' Marzu 2014 kontra din id-deċiżjoni, li, b'sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-28/14, EU:F:2015:101), ġiet miċħuda mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

18 Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' April 2014, ir-Rappreżentant Għoli, fil-kapaċità tiegħu ta' awtorità tal-ħatra, ċaħad it-talba għal assistenza. F'din id-deċiżjoni, ir-Rappreżentant Għoli sostna li, minħabba l-fatt li t-talba għal assistenza kienet tinkludi akkużi fil-konfront tad-Direttur Ġenerali Amministrattiv, l-Uffiċċju ta' Investigazzjoni ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni (IDOC) kien ġie assoċjat mal-ipproċessar tal-fajl u li, peress li kien jikkunsidra li għandu biżżejjed informazzjoni mill-elementi tal-fajl, l-IDOC kien ikkonkluda li ma kienx neċessarju li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva.

19 Fl-14 ta' Lulju 2014, S. De Loecker ippreżenta lment, abbażi tal-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal, kontra d-deċiżjoni li tiċħad it-talba tiegħu għal assistenza. Dan l-ilment ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali Eżekuttiv tas-SEAE tal-14 ta' Novembru 2014.

20 Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-24 ta' Frar 2015, S. De Loecker ippreżenta rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-14 ta' April 2014 li tiċħad it-talba għal assistenza tiegħu.

21 Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku annulla din id-deċiżjoni, għall-motiv, fil-punt 45 ta' din is-sentenza, li d-dritt ta' smiegħ ta' S. De Loecker ma kienx ġie osservat mis-SEAE, bi ksur tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Huwa bbaża ruħu fuq il-fatt, espost fil-punt 44 tal-imsemmija sentenza, li s-SEAE sempliċement informatu li kienet irċeviet it-talba għal assistenza fl-20 ta' Diċembru 2013 u qatt ma kienet semgħet lil S. De Loecker, fil-kuntest tal-ipproċessar ta' din it-talba, qabel l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni.

22 Permezz ta' ittra tas-17 ta' Diċembru 2015, S. De Loecker talab lis-SEAE x'miżuri dan tal-aħħar kellu l-intenzjoni li jadotta sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikolu 266 TFUE. Permezz ta' ittri tas-26 ta' Frar 2016 u tal-24 ta' Marzu 2016, huwa rrepeta din id-domanda.

23 Permezz ta' ittra tal-14 ta' April 2016, is-SEAE indika lil S. De Loecker li kien jaqbel li l-ilment tiegħu jiġi eżaminat fid-dawl tas-sentenzi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-13 ta' Novembru 2014, De Loecker vs SEAE (F-78/13, EU:F:2014:246), u tad-9 ta' Settembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-28/14, EU:F:2015:101), li kienu "vvalidaw" id-deċiżjonijiet meħuda mis-SEAE fir-rigward tas-sejħa lura tiegħu lejn is-sede tas-SEAE fi Brussell kif ukoll it-terminazzjoni tal-kuntratt tiegħu ta' membru tal-persunal temporanju. Is-SEAE pproponilu li jikkunsidra r-risposta ffirmata mir-Rappreżentant Għoli tal-14 ta' April 2014 bħala abbozz ta' risposta għat-talba għal assistenza tiegħu għal-fastidju psikoloġiku u sabiex jikkomunikalu l-elementi ta' fatt, l-osservazzjonijiet kif ukoll il-provi relatati magħhom li kien jixtieq iżid mal-elementi u l-ispjegazzjonijiet kollha li kien diġà pprovda fil-kuntest ta' din it-talba inizjali, bil-għan li juri l-eżistenza ta' indizzji li jikkostitwixxu l-bidu ta' prova ta' aġir min-naħa tad-Direttur Ġenerali Amministrattiv fil-kariga f'din id-data ta' natura li tiġġustifika li jiġu kkwalifikati bħala fastidju, fis-sens tar-Regoli tal-Proċedura, u li jiġġustifika l-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva fil-konfront tiegħu. Ġie ppreċiżat li din il-proposta kienet tikkostitwixxi smiegħ ta' S. De Loecker fir-rigward tal-intenzjoni tal-amministrazzjoni li tiċħad l-ilment tiegħu b'eżekuzzjoni tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153).

24 Permezz ta' ittra tal-4 ta' Mejju 2016, S. De Loecker irrisponda lir-Rappreżentant Għoli billi fakkru ċerti avvenimenti.

25 Permezz ta' ittra tat-12 ta' Lulju 2016, is-SEAE informa lil dan li t-talba għal assistenza tiegħu kienet ser tiġi eżaminata mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni, skont l-arranġamenti li kien għamel ma' din tal-aħħar. Is-SEAE żied li, matul dan l-eżami mill-ġdid, ser issir, abbażi tal-elementi li jinsabu fil-fajl, analiżi dwar il-bżonn tal-ftuħ mill-ġdid ta' investigazzjoni amministrattiva kienx neċessarju u li, fi tmiem dan l-eżami mill-ġdid kienet ser tintbagħatlu r-risposta tal-Awtorità tal-Ħatra.

26 Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, is-Segretarju Ġenerali tas-SEAE, b'eżekuzzjoni tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153), ċaħad it-talba għal assistenza tar-rikorrent imressqa abbażi tal-Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, parzjalment bħala inammissbbli u, fi kwalunkwe każ, bħala infondata.

27 Fl-10 ta' Jannar 2017, S. De Loecker ressaq ilment kontra d-deċiżjoni kkontestata, abbażi tal-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal. Dan l-ilment ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-3 ta' Mejju 2017.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

28 Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-11 ta' Awwissu 2017, S. De Loecker ippreżenta rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u, min-naħa l-oħra, għall-għoti ta' kumpens għad-dannu allegatament sostnut.

29 Insostenn tat-talbiet għal annullament tiegħu, huwa invoka żewġ motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 266 TFUE u, it-tieni wieħed, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, b'mod iktar partikolari, tad-dritt għal smiegħ kif ukoll tad-dritt ta' aċċess li jirriżulta mill-Artikolu 41 tal-Karta.

30 Il-Qorti Ġenerali qieset li kien hemm lok li jiġu eżaminati flimkien dawn iż-żewġ motivi, li permezz tagħhom S. De Loecker kien sostna, skont din il-qorti, li s-SEAE, billi ma semgħetux fl-ewwel eżami preliminari, ma kinitx wettqet eżekuzzjoni korretta tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153).

31 Il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 56 tas-sentenza appellata, li s-SEAE ħa bħala konsegwenza tal-annullament tad-deċiżjoni tal-14 ta' April 2014 li S. De Loecker kien kellu jinstema' qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni. Issa, skont din il-qorti, billi indika li dan tal-aħħar seta' jikkonvinċi

lis-SEAE jadotta deċiżjoni differenti u b'mod partikolari jiftaħ investigazzjoni amministrattiva, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien ikkunsidra li l-vizzju li kienet ivvizzjata bih il-proċedura kien mhux fl-istadju tal-fażi tal-proċedura li fit-tmiem tagħha s-SEAE kien adotta deċiżjoni definittiva, iżda f'dak fejn l-IDOC kien iwettaq analiżi li fi tmiemha kien jadotta r-rapport preliminari tal-analiżi tiegħu.

32 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 58 tas-sentenza appellata, li din l-interpretazzjoni hija konformi mal-motivi tas-sentenza tal-14 ta' Frar 2017, Kerstens vs Il-Kummissjoni (T-270/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:74), li, kuntrarjament għal dak li kien sostna s-SEAE, hija applikabbli f'dan il-każ.

33 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 65 tas-sentenza appellata, li, "billi ma semgħax lil S. De Loecker fil-kuntest tal-analiżi preliminari għall-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva, is-SEAE ma wettaqx eżekuzzjoni korretta tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153), u kiser id-dritt għal smiegħ ta' S. De Loecker". Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata.

It-talbiet tal-partijiet

34 Permezz tal-appell tiegħu s-SEAE jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tiċħad l-appell bħala infondat f'dak li jikkonċerna t-talba għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata, u

– tikkundanna lil S. De Loecker għall-ispejjeż.

35 S. De Loecker jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– prinċipalment, tiċħad l-appell bħala inammissibbli jew, tal-inqas, bħala manifestament infondat, u

– tikkundanna lis-SEAE għall-ispejjeż kollha;

– sussidjarjament, fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata, tikkonstata li l-kawża ma hijiex fi stat li tiġi deċiża, tibgħata lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll tirriżerva l-ispejjeż.

Fuq l-appell

Fuq l-ammissibbiltà tal-appell

36 S. De Loecker isostni li l-appell huwa manifestament inammissibbli minħabba li s-SEAE sempliċement irrepeta l-argumenti żviluppati, minn naħa, quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153), u, min-naħa l-oħra, quddiem il-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, l-appell jikkostitwixxi fil-verità talba intiża għall-kisba ta' eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali u, b'mod partikolari, ta' evalwazzjoni ġdida tal-fatti.

37 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta parti tikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jerġgħu jiġu diskussi fl-appell. Fil-fatt, jekk parti ma tkunx tista'

tibbaża l-appell tagħha ħlief fuq il-motivi u l-argumenti diġà użati quddiem il-Qorti Ġenerali, il-proċedura ta' appell tiċċaħħad minn parti mill-iskop tagħha (ara s-sentenza tat-28 ta' Lulju 2011, Diputación Foral de Vizcaya *et* vs Il-Kummissjoni, C-474/09 P sa C-476/09 P, mhux ippubblikata, EU:C:2011:522, punt 60 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 Għalhekk, peress li s-SEAE jakkuża lill-Qorti Ġenerali li interpretat ħażin l-Artikolu 41 tal-Karta fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153), il-fatt li jirrepeti l-argument li kien diġà invoka fl-ewwel istanza ma jrendix dan l-appell inammissibbli.

39 Minn dan isegwi li l-appell huwa ammissibbli.

Fuq il-mertu

40 Insostenn tal-appell tiegħu, is-SEAE jinvoka aggravju uniku. Permezz tiegħu, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 65 tas-sentenza appellata, li s-SEAE, billi ma semgħax lil S. De Loecker fil-kuntest tal-analiżi preliminari għall-ftuħ tal-investigazzjoni amministrattiva, ma wettaqx eżekuzzjoni korretta tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153), u kiser id-dritt ta' smiegħ ta' S. De Loecker.

41 Dan l-aggravju huwa magħmul minn tliet partijiet, ibbażati, essenzjalment, l-ewwel, fuq li l-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li S. De Loecker kien instema', it-tieni, fuq l-interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153), u, it-tielet, fuq l-iżball imwettaq mill-Qorti Ġenerali meta applikat, f'dan il-każ, il-motivi li jirriżultaw mis-sentenza tagħha tal-14 ta' Frar 2017, Kerstens vs Il-Kummissjoni (T-270/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:74), sabiex issostni l-interpretazzjoni tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE imsemmija (F-34/15, EU:F:2015:153).

Fuq l-ewwel parti tal-aggravju uniku

42 Permezz tal-ewwel parti ta' dan tal-aggravju, is-SEAE jikkritika lill-Qorti Ġenerali, essenzjalment, li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-proċedura li kienet ġiet segwita u lanqas il-fatt li s-SEAE kien semgħa lil S. De Loecker billi tah l-opportunità li jippreżenta kull element addizzjonali għall-ilment inizjali tiegħu qabel ma jissottometti mill-ġdid il-fajl lis-servizzi tal-Kummissjoni sabiex iwettqu analiżi preliminari.

– *L-argumenti tal-partijiet*

43 Is-SEAE jsostni, essenzjalment, li għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153), huwa kompla l-proċedura abbażi tal-elementi pprovduti minn S. De Loecker fl-ilment inizjali tiegħu, ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2013. Huwa jippreċiża li għaldaqstant ippermetta lil dan tal-aħħar iressaq kwalunkwe element addizzjonali li xtaq fir-rigward ta' dan l-ilment, qabel ma ssottometta mill-ġdid il-fajl lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni u lill-IDOC fid-dawl ta' analiżi preliminari ġdida. Is-SEAE iqis li, billi ta din il-possibbiltà lil S. De Loecker, huwa tah l-opportunità li jinstema' qabel l-eżami preliminari ġdid tal-fajl mill-IDOC u għalhekk qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Issa, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni dan l-element fil-kuntest tal-analiżi tagħha.

44 Barra minn hekk, is-SEAE jippreċiża li kkunsidra li kien iktar xieraq, għall-finijiet tal-analiżi preliminari, li jitlob lil S. De Loecker jippreżenta mill-ġdid il-perspettiva tiegħu bil-miktub, eventwalment flimkien ma' elementi addizzjonali, milli sempliċement jittrażmetti mill-ġdid lis-servizzi

amministrattivi kompetenti l-ilment inizjali jew li jisma' lil S. De Loecker immedjatament wara l-ewwel analiżi preliminari. Dawn is-servizzi, fl-assenza ta' elementi ġodda, ma kinux evidentement ser jaslu għal riżultat differenti minn dak tal-ewwel eżami. Peress li S. De Loecker ma ppreżenta ebda element ġdid, ma kellux għalfejn jinstema' għat-tieni darba ma' analiżi preliminari l-ġdida.

45 Is-SEAE jfakkar li, f'dan il-każ, ma ddelegax lill-IDOC is-setgħat tiegħu u jippreċiża, essenzjalment, li huwa biss hu, għalhekk, inkwantu Awtorità tal-Ħatra, li għandu jiżgura l-osservanza tad-dritt għal smiegħ. Huwa jippreċiża li għalkemm ma huwiex eskluż li, matul tali analiżi, l-IDOC jikkonstata nuqqas ta' koerenzi jew iqis li jaqbel li jiġu ċċarati ċerti elementi mal-persuna li ppreżentat l-ilment, dan l-uffiċċju jista' jissuġġerixxi lis-SEAE jitlob lil-lanjant jippreżenta informazzjoni addizzjonali. Madankollu, tali proċedura ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt għal smiegħ u tad-drittijiet tad-difiża, iżda tikkonċerna l-istruttorja tal-fajl mill-amministrazzjoni.

46 Mill-elementi preċedenti s-SEAE jiddeduċi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi qieset li d-dritt ta' smiegħ li jirriżulta mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta japplika matul il-proċedura ta' adozzjoni ta' att preparatorju. Huwa wettaq ukoll żball meta naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li S. De Loecker kien instema', qabel l-analiżi preliminari mill-ġdid tal-fajl mill-IDOC.

47 Fir-risposta tiegħu, S. De Loecker isostni li qatt ma nstema' b'mod utli fil-kuntest tal-eżami tat-talba għal assistenza tiegħu.

48 B'mod partikolari, S. De Loecker josserva li, f'dan il-każ, ittrażmetta lis-SEAE ittra tal-President tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tal-Belġju fejn ikkonferma d-diversi elementi invokati insostenn tat-talba għal assistenza tiegħu. Huwa jsostni li, fin-nuqqas ta' smiegħ mill-IDOC, ma seta' la jsostni dawn l-elementi quddiem dan l-uffiċċju, la jibgħat kopja ta' din l-ittra lil dan tal-aħħar u lanqas jitlob li l-awtur tal-imsemmija ittra jinstema' matul l-investigazzjoni amministrattiva. Għalhekk, ġustament il-Qorti Ġenerali qieset li d-dritt ta' smiegħ tiegħu b'mod utli u effettiv qabel ma s-SEAE jiċħad it-talba għal assistenza tiegħu kien inkiser.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

49 Fl-ewwel lok, sa fejn is-SEAE jikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li kien sema' lil S. De Loecker billi tah l-opportunità li jippreżenta kwalunkwe element addizzjonali għat-talba inizjali tiegħu qabel ma jissottometti mill-ġdid il-fajl lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni għall-finijiet tal-analiżi preliminari, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 49 tas-sentenza appellata, irreleva dan il-fatt qabel ma ppreċiża, b'mod partikolari fil-punt 57 ta' din is-sentenza, li l-vizzju li kienet ivvizzjata bih il-proċedura kien fl-istadju tal-proċedura li matulha l-IDOC kienet wettqet analiżi preliminari li fi tmiemha dan l-uffiċċju jadotta r-rapport preliminari ta' analiżi għall-attenzjoni tas-SEAE.

50 Fit-tieni lok, sa fejn is-SEAE jsostni li, billi kkunsidrat li d-dritt ta' smiegħ kien japplika matul il-proċedura ta' adozzjoni ta' att preparatorju, il-Qorti Ġenerali ma fehmitx il-fatt li s-SEAE ma kienx iddelega s-setgħat tiegħu lill-IDOC, għandu jiġi kkonstatat li mill-punti 57, 59 u 65 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li S. De Loecker kellu jinstema' fl-istruzzjoni mwettqa tal-IDOC, jiġifieri fl-istadju tal-proċedura fejn dan l-uffiċċju wettaq analiżi preliminari li fit-tmiem tagħha jistabbilixxi r-rapport ta' analiżi preliminari tiegħu.

51 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma naqsitx milli tieħu inkunsiderazzjoni elementi msemmija mis-SEAE, iżda llimitat ruħha sabiex tiġbed konsegwenzi ġuridiċi oħra.

52 Minn dan isegwi li l-ewwel parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni u t-tielet parti tal-aggravju uniku

53 It-tieni parti tal-aggravju uniku hija intiża kontra l-punti 55 sa 57 tas-sentenza appellata. Permezz ta' din il-parti, is-SEAE jsostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153). Il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat din is-sentenza fis-sens li timponi lis-SEAE l-obbligu li jisma' lil S. De Loecker fl-istadju tal-analiżi preliminari.

54 Permezz tat-tielet parti tal-aggravju uniku, is-SEAE jqis, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' evalwazzjoni meta applikat għal dan il-każ il-motivi li jirriżultaw mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2017, Kerstens vs Il-Kummissjoni (T-270/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:74). Huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li, b'differenza mill-kawża li wasslet għal dik is-sentenza, fejn kien inkwistjoni d-dritt għal smiegħ matul investigazzjoni amministrattiva, il-kawża inkwistjoni f'dan il-każ tikkonċerna l-allegat ksur ta' dan id-dritt matul l-analiżi preliminari mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni għas-SEAE, li ssir qabel l-investigazzjoni amministrattiva.

– *L-argumenti tal-partijiet*

55 Is-SEAE jsostni, essenzjalment, li l-interpretazzjoni mill-Qorti Ġenerali tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153), hija żbaljata, peress li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li din is-sentenza timponi fuq is-SEAE li jisma' lil S. De Loecker diġà fl-istadju tal-analiżi preliminari mill-IDOC. Issa, is-SEAE jqis li, fil-punti 44 sa 49 tal-imsemmija sentenza, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sempliċement ikkonstata li s-SEAE kien kiser id-dritt ta' smiegħ S. De Loecker qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li tagħlaq il-proċedura mingħajr segwitu u tiċħad għalhekk l-ilment. Għaldaqstant, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li l-obbligu li jinstema' dan tal-aħħar kellu jiġi osservat qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni definittiva mis-SEAE, neċessarjament wara l-analiżi preliminari tal-fajl mill-IDOC.

56 Is-SEAE jsostni fl-ewwel lok li din l-analiżi preliminari tikkostitwixxi mhux att li jikkawża preġudizzju li jaffettwa d-drittijiet ta' S. De Loecker, iżda att intern ta' natura purament preparatorja, li jippermetti lill-Awtorità tal-Ħatra tevalwa jekk hemmx jew le lok li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva. F'dan ir-rigward huwa jibbaża ruħu fuq is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, Il-Kummissjoni vs Nanopoulos (T-308/10 P, EU:T:2012:370, punt 85). Meta l-Awtorità tal-Ħatra tiddeċiedi tiftaħx jew le investigazzjoni amministrattiva, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni diversi elementi, fosthom l-analiżi preliminari magħmula mill-IDOC. Għalhekk, ma hijiex l-analiżi preliminari li taffettwa b'mod sfavorevoli l-persuna kkonċernata, iżda d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal assistenza. Issa, qabel ma tieħu din l-aħħar deċiżjoni, l-Awtorità tal-Ħatra tisma' lil din il-persuna li jkollha għalhekk l-okkażjoni li ssostni kwalunkwe argument u tipproduċi kwalunkwe dokument mhux ipprovdut meta tkun saret it-talba għal assistenza.

57 Fit-tieni lok, is-SEAE jirreleva li, inkwantu Awtorità tal-Ħatra, jispetta lilu jiżgura l-osservanza tad-dritt għal smiegħ qabel it-teħid ta' deċiżjoni finali. Għaldaqstant, l-IDOC jagħti biss servizz ta' assistenza, fil-kuntest tal-arranġament amministrattiv (Service-Level Arrangement – SLA) konkluż bejn is-SEAE u s-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni.

58 Fit-tielet lok, is-SEAE jindika li la mill-Anness IX tal-Istatut dwar il-Proċedura Dixxiplinarji, u lanqas mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta ma jirriżulta li d-dritt għal smiegħ japplika diġà fl-istadju tal-analiżi preliminari tal-fajl.

59 F'dan il-każ, wara li ta lil S. De Loecker l-opportunità li jipprovdi kwalunkwe element ta' fatt addizzjonali insostenn tal-ilment tiegħu ta' fastidju psikoloġiku, is-SEAE qies, abbażi tal-analiżi preliminari magħmula mill-IDOC u tar-rakkomandazzjoni magħmula minnu, li l-fajl ma kienx jinkludi elementi suffiċjenti li jikkostitwixxu bidu ta' prova ta' fastidju fil-konfronti tiegħu. Is-SEAE,

konsegwentement, informa lil S. De Loecker li ma kienx jidher iġġustifikat li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva kontra l-persuna li kienet allegatament wettqet fatti ta' fastidju psikoloġiku kontrih. Is-SEAE jikkunsidra li ma kienx hemm lok li jinstema' mill-ġdid f'dan l-istadju tal-proċedura. Min-naħa l-oħra, is-SEAE jsostni li kieku kien ġie deċiż li tinfetaħ tali investigazzjoni, S. De Loecker kien ikollu l-opportunità li jinstema', jiġifieri li jippreżenta informazzjoni u osservazzjonijiet addizzjonali matul u, b'mod partikolari, qabel l-għeluq tal-investigazzjoni amministrattiva.

60 Permezz tat-tielet parti tal-aggravju uniku tiegħu, is-SEAE jsostni, essenzjalment, li l-motivi tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2017, Kerstens vs Il-Kummissjoni (T-270/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:74), invokati fil-punt 58 tas-sentenza appellata, ma humiex transpożabbli għall-każ inkwistjoni.

61 Is-SEAE jirreleva li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2017, Kerstens vs Il-Kummissjoni (T-270/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:74), kienet tikkonċerna l-punt dwar jekk il-proċedura dixxiplinari li kienet inbdiet kontra l-uffiċjal tal-Unjoni inkwistjoni kellhiex tiġi ppreċeduta minn investigazzjoni amministrattiva. Is-SEAE jikkunsidra li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, f'din is-sentenza, li l-Kummissjoni ma kinitx osservat ir-regoli tagħha ta' implementazzjoni meta fetħet proċedura dixxiplinari mingħajr ma wettqet investigazzjoni amministrattiva preliminari, li matulha l-uffiċjal ikkonċernat kellu jinstema'. Issa, il-każ inkwistjoni huwa manifestament differenti minn dak inkwistjoni fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza għal żewġ motivi. Is-SEAE jesponi, minn naħa, li kieku kienet infetħet investigazzjoni amministrattiva, din kienet tkun diretta kontra l-allegat awtur tal-fatti ta' fastidju psikoloġiku u mhux kontra S. De Loecker. Min-naħa l-oħra, f'dan il-każ, ma infetħu ebda investigazzjoni amministrattiva u ebda proċedura dixxiplinari.

62 Għaldaqstant, billi applikat il-motivi tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2017, Kerstensvs Il-Kummissjoni (T-270/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:74), għal din il-kawża, il-Qorti Ġenerali ħawwdet id-diversi passi tal-proċedura, jiġifieri l-analiżi preliminari, l-investigazzjoni amministrattiva, il-proċedura pre-dixxiplinari u l-proċedura dixxiplinari.

63 S. De Loecker jikkontesta l-fondatezza tal-argument tas-SEAE dwar l-interpretazzjoni tal-motivi tas-sentenza tat- Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153).

64 Barra minn hekk, S. De Loecker iqis li l-arugument tas-SEAE dwar in-natura mhux transpożabbli għal din il-kawża tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2017, Kerstens vs Il-Kummissjoni (T-270/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:74), huwa manifestament inammissibbli, peress li s-SEAE ma jiżviluppa ebda element rilevanti għal dan il-għan u jikkontesta, fi kwalunkwe każ, dan l-argument.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

65 Fil-punt 65 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li S. De Loecker kellu jinstema' matul l-ewwel fażi tal-proċedura, jiġifieri fl-istadju fejn l-IDOC iwettaq l-analiżi preliminari li fit-tmiem tagħha jadotta rapport li jinkludi rakkomandazzjoni dwar l-eżistenza, jew le, ta' bidu ta' prova tal-eżistenza ta' fastidju, kundizzjoni neċessarja għall-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva.

66 Qabel xejn, għandu jitfakkar li persuna li, abbażi tal-Artikoli 12 u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, tkun għamlet talba għal assistenza minħabba li tkun is-suġġett ta' fastidju psikoloġiku tista' tibbenefika mid-dritt għal smiegħ dwar il-fatti li jikkonċernawha, abbażi tal-prinċpiju ta' amministrazzjoni tajba (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' April 2019, OZ vs BEI, C-558/17 P, EU:C:2019:289, punt 50).

67 Fil-fatt, l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta jipprovdi li d-dritt għal amministrazzjoni tajba jinkludi b'mod partikolari d-dritt ta' kull persuna li tinstema', qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali fil-konfront tagħha li tolqotha negattivament.

68 Id-dritt għal smigħ jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesponi, b'mod utli u effettiv, il-fehma tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' April 2019, OZ vs BEI, C-558/17 P, EU:C:2019:289, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Sussegwentement, għandu jiġi ppreċiżat li d-dritt għal smiegħ għandu għan doppju. Minn naħa, iservi għall-istruzzjoni tal-fajl u għall-istabbiliment tal-fatti bil-mod l-iktar preċiż u korrett possibbli u, min-naħa l-oħra, jippermetti li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-persuna kkonċernata. Id-dritt għal smigħ huwa intiż partikolarment li jiggarantixxi li kull deċiżjoni li tikkawża preġudizzju tiġi adottata b'konjizzjoni sħiħa tal-kawża u b'mod partikolari għandu l-għan li jippermetti lill-awtorità kompetenti tikkoreġi żball jew li l-persuna kkonċernata ssostni l-elementi relatati mas-sitwazzjoni personali tagħha li jimmilitaw sabiex id-deċiżjoni tittieħed, ma titteħidx jew li jkollha tali jew tali kontenut (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Lulju 2014, Kamino International Logistics u Datema Hellmann Worldwide Logistics, C-129/13 u C-130/13, EU:C:2014:2041, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida, C-249/13, EU:C:2014:2431, punti 37 u 59).

70 F'dan il-każ, id-deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha s-SEAE ċaħdet it-talba għal assistenza ppreżentata minn S. De Loecker abbażi tal-Artikolu 12a u tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, tikkostitwixxi miżura individwali meħuda fil-konfront tiegħu li taffettwah b'mod sfavorevoli, fis-sens tal-Artikolu 41(2) tal-Karta.

71 Kif irrelevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 59 tas-sentenza appellata u kif sostna s-SEAE fl-appell tiegħu, huwa abbażi tal-analiżi preliminari magħmula mill-IDOC li dan is-servizz adotta d-deċiżjoni kkontestata, li tirrifletti l-konklużjonijiet ta' din l-analiżi. Fir-rigward tal-modalitajiet li fil-kuntest tagħhom tkun saret din l-analiżi, għandu jiġi ppreċiżat li, b'applikazzjoni tal-Anness 06 tal-livell ta' servizz konkluż bejn is-SEAE u d-DĠ "Riżorsi Umani u Sigurtà" bir-referenza Ares (2013)859A35, għalkemm is-SEAE tibqa' l-Awtorità tal-Ħatra li tieħu d-deċiżjoni finali, huwa l-IDOC li għandu jwettaq il-parti "operattiva" tal-proċedura.

72 Kif ġie espost fil-punti 24 u 25 ta' din is-sentenza, S. De Loecker instema' qabel ma l-IDOC għamel l-analiżi tiegħu. Min-naħa l-oħra, ma nstema' la fil-kuntest tal-analiżi preliminari mill-IDOC, la qabel dan tal-aħħar bagħat ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-SEAE, u lanqas qabel ma dan is-servizz ħa d-deċiżjoni kkontestata.

73 Issa, peress li s-SEAE adotta din id-deċiżjoni abbażi tal-analiżi preliminari kif ukoll fuq rakkomandazzjonijiet tal-IDOC, huwa kellu jiżgura l-osservanza tad-dritt għal smiegħ ta' S. De Loecker billi jagħtih l-opportunità li jsostni l-osservazzjonijiet tiegħu u li jipprovdi eventwalment informazzjoni addizzjonali fil-kuntest tal-investigazzjoni mwettqa mill-IDOC. Fil-fatt, is-smiegħ tiegħu seta', skont il-każ, iwassal lill-IDOC jifformula konklużjonijiet differenti, li seta' jwassal għall-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva.

74 Din l-evalwazzjoni hija msaħħa mill-fatt li deċiżjoni li tiċħad talba għal assistenza fil-kuntest ta' lment għal fastidju psikoloġiku, bħal dik fid-deċiżjoni kkontestata, tista' twassal għal konsegwenzi gravi għall-persuna kkonċernata, peress li l-fatti ta' fastidju psikoloġiku jista' jkollhom effetti estremement distruttivi fuq l-istat ta' saħħa ta' din il-persuna, u r-rikonoxximent mill-amministrazzjoni tal-eżistenza ta' tali fastidju jista', minnu nnifsu, ikollu effett benefiku fil-proċess terapewtiku ta' rikostruzzjoni tal-imsemmija persuna.

75 Barra minn hekk, huwa mingħajr ksur tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta u mingħajr interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F-34/15, EU:F:2015:153), li l-Qorti Ġenerali qieset li d-dritt ta' smiegħ ta' S. De Loecker ġie miksur.

76 Fir-rigward tat-tielet parti tal-motiv uniku, li tirrigwarda l-motivi tal-Qorti Ġenerali rigward is-sentenza tal-14 ta' Frar 2017, Kerstens vs Il-Kummissjoni (T-270/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:74), huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-użu, fil-punt 58 tas-sentenza appellata, mill-kliem "barra minn hekk", dan huwa motiv surabbondanti żviluppata mill-Qorti Ġenerali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva.

77 Minn dan isegwi li t-tieni parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata u t-tielet parti tiegħu bħala ineffettiva u, għaldaqstant, l-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

78 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 14(1) ta' dawn ir-regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li S. De Loecker talab li s-SEAE jiġi kkundannat għall-ispejjeż u peress li dan tilef l-appell tiegħu, għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Firem